

Ir-Repubblika tal-Polonja tressaq, kontra d-dispożizzjonijiet ikkontestati tad-Direttiva 2019/790, motiv ibbażat fuq ksur tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni ggarantita mill-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

B'mod partikolari, ir-Repubblika tal-Polonja tafferma li l-obbligu għall-fornituri tas-servizzi tal-kondiviżjoni tal-kontenut online li jagħmlu l-aħjar sforzi sabiex jiżgura l-indisponibbiltà ta' xogħlijiet u oġġetti oħra protetti speċifiċi li għalihom id-detenturi tad-drittijiet li pprovdew lill-fornituri tas-servizzi l-informazzjoni rilevanti u meħtieġa (Artikolu 17(4)(b) tad-Direttiva 2019/790) kif ukoll l-obbligu magħmul għall-fornituri ta' servizzi ta' kondiviżjoni tal-kontenut online sabiex jagħmlu l-aħjar sforzi tagħhom sabiex jipprevjenu li x-xogħlijiet u l-oġġetti l-oħra protetti, li għalihom id-detenturi tad-drittijiet issottomettew notifika suffiċjentement motivata, isirulhom uploads fil-futur (l-Artikolu 17(4)(c), *in fine*, tad-Direttiva 2019/790) għandu l-konsegwenza — sabiex jevitaw ir-responsabbiltà — li l-fornituri tas-servizzi għandhom iwettqu verifika awtomatika minn qabel (filtrazzjoni) tal-kontenut kondiviż online mill-utenti, li jimplika konsegwentement li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' kontroll preventiv. Tali mekkaniżmi jimminaw l-essenza stess tad-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni u ma josservawx ir-rekwiżit ta' proporzjonalità u ta' neċessità ta' kwalunkwe ksur ta' dak id-dritt.

(¹) ĠU 2019, L 130, p. 92.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil d'État (Franza) fl-24 ta' Mejju 2019 — Société Générale SA vs Ministre de l'Action et des Comptes publics

(Kawża C-403/19)

(2019/C 270/25)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Société Générale SA

Konvenut: Ministre de l'Action et des Comptes publics

Domanda preliminari

Fid-dawl tal-Artikolu 56 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, li sar l-Artikolu 63 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-fatt li l-applikazzjoni tar-regoli [fiskali], sabiex issir tpaċija għat-tassazzjoni doppja ta' dividendi mħallsa lil kumpannija li hija suġġetta għat-taxxa fuq il-kumpanniji fl-Istat Membru li fiha hija residenti minn kumpannija residenti fi Stat ieħor u suġġetta, minħabba l-eżerċizzju f'dan l-Istat tal-ġurisdizzjoni fiskali tiegħu, għal taxxa f'ras il-ġajm, tista' tħalli jeżisti żvantaġġ għad-detriment tat-tranżazzjonijiet fir-rigward ta' titoli ta' kumpanniji barranin imwettqa minn kumpanniji suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji fl-ewwel Stat jimplika li dan l-Istat, ladarba l-għażla tkun saret li ssir tpaċija għat-tassazzjoni doppja, għandu jmur lil hinn mir-rinunzja li jirċievi d-dħul fiskali li jkun jieħu mill-impożizzjoni tat-taxxa fuq il-kumpanniji tad-dividendi inkwistjoni?